

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0056/08
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Jan Andersson f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
lill-Kummissjoni

Suġġett: L-abbuż ta' l-anzjani

L-abbuż ta' nies imdaħħla fiż-żmien kulma jmur qed jitqies bħala problema soċjali dejjem aktar importanti u jista' anke jiżdied hekk kif ħafna pajjiżi jesperjenzaw popolazzjoni li qed tixjieħ b'mod rapidu. Ġie stmat li sa 10% tan-nies imdaħħla fiż-żmien jesperjenzaw xi sura ta' abbuż fiżiku, psikoloġiku, finanzjarju jew mentali, kemm jekk fl-ambjent tad-dar kemm jekk f'istituzzjoni ta' kura. Iktar appoġġ irid jingħata lil persuni li jieħdu ħsieb lill-anzjani, l-iktar dawk li ma jitħallsux, sabiex ikun żgurat li jkun hemm faċilitajiet xierqa għall-kura tad-dipendenti.

Il-Kummissjoni ħabbret l-adozzjoni ta' komunikazzjoni dwar "Kura ta' kwalità għolja għall-anzjani u l-prevenzjoni ta' l-abbuż ta' l-anzjani" fil-bidu ta' Marzu. Il-komunikazzjoni kellha tittratta l-kawżi ta' l-abbuż ta' l-anzjani u kwistjonijiet ewlenin marbuta miegħu u tirrapporta dwar strateġiji biex l-abbuż ta' l-anzjani jkun evitat u ffaċċjat.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu P6_TA(2008)0066 dwar "il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa" il-Parlament Ewropew "jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħroġ komunikazzjoni fl-2008 dwar it-trattament ħażin ta' persuni anzjani u jitlob li din il-komunikazzjoni sservi ta' okkażjoni sabiex tiffassal strateġija globali biex tiġi żviluppata kampanja estensiva ta' sensibilizzazzjoni u ta' attività f'dan il-qasam".

1. Għaliex il-Kummissjoni m'adottatx il-komunikazzjoni ppjanata f'Marzu 2008 u meta se tkun ippreżentata?
2. Il-komunikazzjoni se tippreżenta strateġija Ewropea komprensiva biex l-abbuż ta' l-anzjani jkun evitat u ffaċċjat, li għandha tneġġeġ lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-iskala tal-problema u tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex iħarsu d-dinjità tal-persuni mdaħħla fiż-żmien?
3. Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-azzjonijiet xierqa f'dan ir-rigward bħal m'huma t-tqajjim tal-kuxjenza, il-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka relevanti, id-definizzjoni ta' standards ta' kwalità għall-istituzzjonijiet tal-kura u għas-servizzi tal-kura fid-dar, l-iżvilupp ta' moduli ta' taħriġ għal dawk li jieħdu ħsieb l-anzjani kemm b'mod professjonali u kemm jekk huma tal-familja u ta' servizzi ta' appoġġ għal dawn ta' l-aħħar, l-inkoraġġiment lill-Istati Membri, li għadhom m'għamlux dan, biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem tkopri persuni fi djar tal-kura privati kif ukoll djar tal-kura pubbliċi, u l-organizzazzjoni ta' l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri?

Tressiq: 08.05.2008
Mibgħuta: 12.05.2008
Skadenza: 19.05.2008